



*Kumitat għall-Affarijiet Barranin
Il-President*

1.3.2024

Is-Sur Tomas Tobé
President
Kumitat għall-Iżvilupp

Suġġett: Opinjoni dwar ir-riżoluzzjoni ta' akkumpanjament dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f' isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP), min-naħa l-oħra (COM(2023)0791 – C9-0029/2024 – 2023/0464M(NLE))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Frar 2024¹, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra u, b'mod partikolari, li jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

David McAllister

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: David McAllister (President u rapporteur għal opinjoni), Witold Jan Waszczykowski (Viċi President), Alexander Alexandrov Yordanov, François Alfonsi, Petras Auštrevičius, Adam Bielan, Benoît Biteau, Krzysztof Brejza, Udo Bullmann, Traian Băsescu, Olivier Chastel, Włodzimierz Cimoszewicz, Anna Fotyga, Loucas Fourlas, Giorgos Georgiou, Francisco Guerreiro, Bernard Guetta, Rasa Juknevičienė, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, Sergey Lagodinsky, David Lega, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Alessandra Moretti, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Wolfram Pirchner, René Repasi, Thijs Reuten, Mounir Satouri, Jordi Solé, Tineke Strik, Nacho Sánchez Amor, Dominik Tarczyński, Lucia Vuolo, Mick Wallace, Charlie Weimers, Isabel Wiseler Lima, Salima Yenbou u João Albuquerque, Milan Brglez, Mónica Silvana González, Christophe Grudler, Georgios Kyrtos, Maria Veronica Rossi (skont l-Artikolu 209(7) tar-Regoli ta' Proċedura).

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-iffirmar tal-ftehim ta' sħubija l-ġdid mal-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP) u l-protokolli reġjonali tiegħu, li se jistabbilixxi qafas ġuridiku ġenerali matul l-għoxrin sena li ġejjin u jqiegħed enfasi reġjonali mingħajr preċedent fuq il-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku;
2. Jenfasizza l-importanza tad-djalogu politiku bħala parti integrali mis-sħubija bejn l-UE u l-pajjiżi AKP, b'total ta' 105 Stat, li jirrappreżentaw għoxrin fil-mija tal-popolazzjoni dinjija u aktar minn nofs is-siġġijiet fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti; jindika l-valur ġeopolitiku tal-Ftehim ta' Samoa; jenfasizza d-Dikjarazzjoni Konġunta tat-30 ta' Novembru 2023 tal-OSAKP u l-UE għall-COP 28 bħala eżempju ċar ta' kooperazzjoni dwar interessi u prijoritajiet komuni fil-fora multilaterali;
3. Ifakkar fl-importanza li jingħaqdu l-forzi mal-pajjiżi AKP u li jiġu stabbiliti sħubijiet vantaġġu għal kulħadd bejn partijiet ugwali fis-sitt oqsma ta' prijorità tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza, il-paċi u s-sigurtà, l-iżvilupp uman u soċjali, it-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli, is-sostenibbiltà ambjentali u t-tibdil fil-klima, u l-migrazzjoni u l-mobbiltà; jissottolinja l-potenzjal kbir tal-inizjattiva tal-UE Global Gateway u jappella għal aktar approfondiment tas-sħubija mal-pajjiżi AKP f'dan ir-rigward;
4. Jissottolinja li l-pedament ta' sħubija politika msaħħa AKP-UE jeħtieġ li jkun l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u l-promozzjoni tal-paċi, is-sigurtà u l-integrità territorjali fid-dinja kollha; jilqa' l-inklużjoni tal-kapitolu dwar il-paċi u s-sigurtà fost is-sitt prijoritajiet strateġiċi; jinnotta li l-Ftehim għandu l-potenzjal li jissokta l-kooperazzjoni f'oqsma ġodda li jvarjaw mill-piraterija jew il-finanzjament tat-terroriżmu, għaċ-ċiberkriminalità;
5. Jitlob approċċ integrat għall-kunflitti u l-kriżijiet li jgħaqqad l-isforzi umanitarji, tal-iżvilupp, tal-paċi u tas-sigurtà fl-istadji kollha;
6. Jissottolinja l-ħtieġa ta' djalogu politiku kontinwu bejn l-UE u kull wieħed mill-Istati u r-reġjuni sħab bħala komponent ewlieni tas-sħubijiet rispettivi, b'mod partikolari f'kuntest ta' inċertezza globali li qed tikber, attacchi diretti fuq il-valuri demokratiċi u sfidi ġeopolitiċi; jistieden lill-Partijiet isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'organizzazzjonijiet multilaterali, jappoġġaw bis-sħiħ il-ħidma tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u jstinkaw biex jieħdu inizjattivi konġunti; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom regolarment f'livell ministerjali mal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku;

7. Jilqa' l-impenn tal-Partijiet favur id-demokrazija iżda jenfasizza li għad hemm numru ta' pajjiżi AKP li mhux qed jirnexxielhom jiggarrantixxu l-libertà tal-media u l-integrità tal-proċessi elettorali;
8. Jilqa' l-impenn tal-Partijiet li jsaħħu l-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u l-mobbiltà, jisħaq fuq l-impenn tagħhom li jiżguraw ir-rispett għad-dinjità tar-rifuġjati u l-migranti kollha u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom, anke fil-pajjiżi ta' tranżitu; jappoġġa bil-qawwa d-deċiżjoni tagħhom li jkomplu bl-isforzi biex jadottaw politiki ta' integrazzjoni effettivi għal dawk li jirrisjedu legalment fit-territorji tagħhom; jirrikonoxxi l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostamenti furzati fir-rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali;
9. Jenfasizza l-impenn tal-Partijiet li japplikaw bis-sħiħ il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni; iħeġġeġ lill-Partijiet jevitaw ukoll kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali u jtemmu l-kriminalizzazzjoni u l-ikkastigar, inkluża l-piena tal-mewt, ta' persuni LGBTI; jinnota li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa jridu jiġu integrati matul l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Samoa; jappoġġa l-impenni favur is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati għall-persuni kollha, speċjalment il-bniet u n-nisa żgħażaġh; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jħaffu l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru III fil-pajjiżi AKP;
10. Jilqa' l-impenn tal-Partijiet favur id-djalogu soċjali u l-promozzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards ewlenin tax-xogħol rikonoxxuti fuq livell internazzjonali, kif definiti mill-konvenzjonijiet u mill-protokolli rilevanti tal-ILO; iqis li huwa importanti ħafna li l-Partijiet jirrispettaw l-obbligi tagħhom bħala membri tal-ILO u l-impenni tagħhom skont id-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali; jistieden lill-UE timpenja ruħha kontinwament mas-sħab AKP għar-ratifika u għall-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet fundamentali kollha tal-ILO;
11. Jinsisti li huwa meħtieġ li tissaħħaħ id-diplomazija parlamentari mas-sħab fl-Afrika, fil-Karibew u fil-Paċifiku sabiex jingħata kontribut għall-oġettiv tal-UE li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet mas-sħab AKP ħalli jiġu indirizzati l-isfidi ġeopolitiċi, ekonomiċi, soċjali u ambjentali komuni; jilqa' l-fatt li d-diplomazija parlamentari hija rikonoxxuta bħala pilastru tas-Sħubija u hija msaħħa bl-istabbiliment ta' tliet assemblej parlamentari reġjonali li se jagħtu lok għal dibattiti fil-fond dwar kwistjonijiet kondiviżi speċifiċi għar-reġjun;
12. Jilqa' t-tnejn tal-Kummissjoni ta' "approċċ strateġiku għid għas-sħubija mal-Afrika" sabiex jitrawmu s-sigurtà, il-paċi u l-prosperità dejjiema; jissottolinja l-importanza li jiġu implimentati l-impenni tas-summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana ta' Frar 2022 biex tiġi approfondita l-kooperazzjoni dwar inizjattivi ta' interess komuni u biex l-UE tissodisfa l-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab fl-Afrika; jenfasizza li l-UE għandha ssegwi prijoritajiet ġeografiċi fuq livell bilaterali kif ukoll reġjonali, b'enfasi fuq revizzjoni tal-istrateġiji reġjonali għas-Saħel u implimentazzjoni effettiva tal-istrateġija għall-Golf tal-Guinea, ir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar u l-Qarn tal-Afrika; jesprimi tħassib dwar iż-żieda fl-impronta tal-Grupp Wagner u l-instabbiltà dejjem akbar fis-Saħel, li jimminaw is-sigurtà u l-istabbiltà tal-pajjiżi kkonċernati u li għandhom konsegwenzi reġjonali u internazzjonali profondi; huwa tal-fehma li l-politika tal-UE fir-rigward tas-Saħel ma pproduċietx ir-riżultati mistennija u jieħu nota tat-tħabbira tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant

Għoli dwar ir-reviżjoni tal-istrateġija tal-UE fir-rigward tas-Saħel;

13. Jappella għat-tisħiħ tas-sħubija Karibew-UE abbażi tad-Dikjarazzjoni tas-Summit UE-CELAC ta' Lulju 2023; jinsab imħasseb dwar iż-żieda fil-vjolenza, il-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-droga fil-Karibew, u jitlob żieda sostanzjali fil-kooperazzjoni bireġjonali skont dan il-Ftehim biex jiġi miġġieled dan it-theddid;
14. Jenfasizza l-importanza tar-reġjun Paċifiku fil-kuntest tal-kompetizzjoni ġeostrateġika reġjonali; jissottolinja li l-konservazzjoni tal-paċi, tal-istabbiltà u tal-libertà ta' navigazzjoni fir-reġjun Paċifiku tibqa' ta' importanza kritika għall-interessi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha; jenfasizza li jeħtieġ li r-riżorsi jinġabru flimkien biex tissaħħaħ b'mod effettiv l-impronta politika tal-UE u biex l-UE tiġi affermata bħala sieħeb affidabbli u strateġiku fil-Paċifiku; jitlob li jinbnew koalizzjonijiet strateġiċi mal-Istati tal-Paċifiku dwar għadd ta' kwistjonijiet globali, b'mod partikolari fir-rigward tat-tibdil fil-klima, il-governanza tal-oċeani, il-paċi u s-sigurtà; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimpjenjaw ruħhom kull sena fil-livell ministerjali mal-pajjiżi gżejjer tal-Paċifiku;
15. Jitlob l-iffirmar u r-ratifika rapidi tal-Ftehim mill-partijiet kollha, u jfakkar li l-pajjiżi li ma jiffirmawx il-Ftehim mhux se jipparteċipaw fil-korpi politiċi u tat-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu; jenfasizza li nħoloq mekkaniżmu ġdid ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati biex isaħħaħ il-vuċi tas-soċjetà ċivili fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jitlob l-iffirmar u r-ratifika rapidi tal-Ftehim mill-partijiet kollha, u jfakkar li l-pajjiżi li ma jiffirmawx il-Ftehim mhux se jipparteċipaw fil-korpi politiċi u tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom;
16. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jsaħħu l-komunikazzjoni strateġika dwar l-attivitajiet tal-UE fi ħdan il-qafas ta' sħubija.